MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 640/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Keith Gauci**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm214.51) ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21667551 (numru tal-klijent 992098) skond ma jirrizulta mid-Dok.A, u liema servizz gie nstallat fil-fond 54, Triq il-Kahwiela, Santa Lucija;**
**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta' Jannar, 2001, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-14 ta' Mejju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u ma pprezentax risposta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fil-kontumacja tal-konvenut qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm214.51) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta' Jannar, 2001, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------